# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


---

# Minuti tal-laqgha 15(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 15(06) fl-ufficini amministrattii tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu, 2013, fis-saghtejn u nofs ta' wara Nofsinhar(2:30pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, , l-Kunsillier Anton Gellel, l-Kunsillier Alan Cassar u l-Kunsillier Lawrence Attard.

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, nghaqqad ghal laqgha fit-tlieta neqsin ghaxra ta' wara Nofsinhar(2:50pm)

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Item 1.4(14/05) The Malta Bus Souveniour Bus

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu hareg permess lill-Kumpanija Cancu Coaches sabiex "The Malta Souveniour Bus" tigi stazzjonata fi Triq San Lawrenz u din tkun attrazzjoni turistika ohra.

1.2 Item 1.5(14/06) Il-parkegg f'nofs ta' Misrah ir-Rebha

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill ghamel laqgha mal-Ispettur tal-Pulizija s-Sur Frankie Sammut sabiex jigi regolarizzat l-parkeff f'nofs ta' Misrah ir-Rebha, hekk kif il-Kunsill Lokali tal-Birgu ha decizjoni li f'nofs tal-pjazza ghandu jkun minghajr parkegg.

Is-Sindku zied jghid li qieghed isir control mil-pulizija izda ghad ikun hemm min qieghed jipparkja fin-nofs minkejja li mhux permess.

1.3 <u>Item 6 (14/06) Decizjoni dwar is-sejha RM 10/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Cottonera Waterfront Group, taw donazzjoni ta' *compactor* ghal uzu tal-Kunsill, liema makkinarju jiswa € 550. Il-Kunsill irringrazzja lil Cottonera Waterfront Group ta' din id-donazzjoni

## 2. **<u>Korrispondenza</u>**

2.1 <u>Memo 45/12 – Skema ta' finanzjament ta' inizjattivi specjali 2013 – Day Centre fil-Birgu</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal Day Centre, fil-Belt tal-Birgu, taht l-iskema ta' finanzjament ta' inizjattivi specjali ghas-sena 2013, mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, permezz ta' Memo 45/2012, ma gietx accetata. Is-Sur Boxall, Sindku zied jghid li l-Kunsill talab spjegazzjoni u gie nfurmat li ghal din l-iskema kien hemm numru konsiderevoli ta' applikazzjonijiet ta' progetti tajbin izda l-ammont ghal finanzjament kien limitat u ghalhekk, il-Bord ghazel fl-opinjoni tieghu, l-aktar applikazzjonijiet li kienu elegibbli ghal kundizzjonijiet specifikati taht din l-iskema. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill bghat ittra lil Onorevoli Dr. Franco Mercieca, Segretarju Parlamnetari ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita u Anzjanita Attiva, fejn ghan-nom tal-Kunsill talab l-ghajnuna finanzjarj biex tkun tista' ssir dan id-Day Centre. Hawnhekk, is-Sindku ipprezenta kopja tal-korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

2.2 <u>Memo 56/12 – Skema ta' finanzjament ta' progett pilota – inizjattiva msejha Book Box</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-iskema ta' finanzjament ta' progett pilota, ghall-inizjattiva msejha Book Box ma gietx accetata. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill talab spjegazzjoni u gie nfurmat li l-bord tal-evalwazzjoni ghazel ftit Kunsilli biex jipparteccipaw f'din l-iskema a bazi ta' dawk fejn inhaseb li jkunu utilizzati l-aktar fil-tnehid ta' din l-iskema, peress li ntghazlu postijiet aktar centrali.

2.3 <u>Memo 40/2012 – Skema ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilta ta' Librerija Lokali</u>

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibbenifika mil-ammont ta' € 500 f'ghajnuna ghall-librerija Regjonali min din l-iskema.

2.4 Memo 38/2012 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013

Is-Sur John Boxall, Sindku , nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012-2013 , ghall-attivita tal-BirguFest 2013, giet accetata u l-Kunsill ser jibbenifika mill-ammont ta' € 6000. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill bghat korrispondenza lid-Direttur ghad-Dipartiment ghal Gvern Lokali s-Sur Carmel Abela, fejn il-Kunsill wera d-disaprovazzjoni tieghu ghall-ammont approvat, fejn normalment din l-attivita li issir fuq skala nazzjonali tiswa madwar €43,000. Hawnhekk, is-Sindku, s-Sur John Boxall, zied jghid li ntbaghatet korrispondenza kemm lil Ministru ghat-Turizmu, l-Onorevoli Karmenu Vella, kif ukoll lil Onor. Dr. Jose Herera, Segretarju Parlamentari ghal Kunsilli Lokali u l-Kultura, sabiex issir laqgha maghhom biex jigu spjegati lilhom diversi progetti relatati direttament mas-settur turistiku kif ukoll mal-organizazzjoni tal-attivita tal-Birgufest 2013.

2.5 Laqgha annwali tal-assocjazzjoni ALDA

Ittra mil-Assocjazzjoni ALDA, fejn infurmaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-laqgha annwali ta' din l-assocjazzjoni ser issir bejn it-18 u d-19 t'April, 2013, gewwa l-Belt ta' Pula fil-Kroazja. Is-Sindku zied jghid li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jinsab fiha, ser ikun ferm difficli ghall-istess Kunsill sabiex ikun prezenti ghal din l-laqgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Laqgha annwali tal-Assocjazzjoni AVEC

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-laqgha annwali tal-Assocjazzjoni AVEC ser issir gewwa l-Belt ta' Mediana, fis-Serbja, ser issir bejn l-4 u l-5 t'April, 2013. Is-Sindku qal li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li l-Kunsill jinsab fiha, l-Kunsill ma jistax ikun prezenti ghal din il-laqgha annwali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Skema ta' parkegg riservat ghar-residenti tal-Belt tal-Birgu

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill, kopja ta' *template* ta' permess gdid ghall-iskema ta' parkegg riservat ghar-residenti tal-Birgu.Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti qablu li din is-sistema ghada tigi kkunsidrata, izda mhux ghalissa.

2.8 Memo 49/2012 – Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu taht l-iskema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet ghas-sena 2013, giet accetata u l-Kunsill ser jibbenifika mil-ammont ta' € 3462.50 sabiex fil-lokalita tal-Birgu jigu organizzati l-attivitajiet tal-*After School Programme* kif ukoll tal-*Aerobics* taht l-iskema *Adults on the Move.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Talba mis-Sur Owen Bonnici

Is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta mis-Sur Owen Bonnici, residenti l- Birgu, fejn informa lil Kunsill li fil-prezent ser jaghmel talba l-MEPA sabiex l-garaxx li ghandu ftit il-boghod mir-residenza tieghu fi Triq il-Majjistral issir *change of use* min garaxx

ghal Class 4 shop u talab lil Kunsill l-approvazzjoni u l-konsensus tieghu ghal din it-talba. Wara diskussjoni, l-Kunsill approva din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 L-Fond UIF fi hdan l-MEPA

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li sa Dicembru 2012, l-fond tal-Kunsill fi hdan l-iskema UIF (Urban Improvement Fund) fi hdan l-MEPA huwa ta' € 6172.51, liema ammont jista' jintuza sabiex isiru progetti fil-Belt tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ma japplikax ghal progetti ghalissa, sabiex b'hekk is-somma ghal progetti tilhaq tizdied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Permess mitlub mil-Heritage Malta

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill gibed l-attenzjoni lil Heritage Malta dwar l-iscaffolding li hemm minghajr permess mad-dawra tal-Muzew Marittimu, liema scaffolding ilu hemm ghal iktar min sena u li fit-totalita tieghu, l-Heritage Malta ghandha thallas l-ammont ta' € 17,009 f'permessi hekk kif stipulate bil-ligi. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill gibed l-attenzjoni lil din l-entita, liema entita infurmat lil Kunsill li minhabba s-sitwazzjoni li tinsab fiha, huma lesti li jhallsu s-somma ta' € 2000. Wara diskussjoni, l-Kunsill unanimament qabel li din is-sitwazzjoni ghandha tittranga mil-aktar fis possibli u li l-Heritage Malta ghandha tintalab sabiex jithallsu l-ispejjez kollha dovuti ghall-ammont ta' € 17,009 li tkopri l-permess ghal sena sal-1 ta' Marzu, 2013..

2.12 Il-progett COHEIRS

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Assocjazzjoni ALDA, fejn nfurmaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-progett "COHEIRS – Civic Observers for Health and Environment: Initative for Responsability and Sustainability" gie approvat. Is-Sindku zied jghid li dan il-progett huwa ta' sena u ser jibda mil-15 t'April 2013 sal-14 t'April, 2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Il-Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lil Kunsilliera prezenti li l-progett tal-parkegg fiz-zona ta' Fuq tal-Hawli jinsab lest, liema progett gie ffinanzjat mil-Awtorita tad-Djar.

## 4. Is-Sitwazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah spjegazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, liema sitwazzjoni hija wahda gravi fejn il-Kunsill qieghed jaffacja deficit. Is-Sindku pprezenta kopja tal-korrispondenza kollha li qeghda tintbaghat lis-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur, kif ukoll s-Sur Carmel Abela Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn qieghda tintbaghat informazzjoni kontinwa dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku qal li l-Kunsill talab sabiex mil-aktar fis possibli ssir laqgha mal-Onorevoli Dr. Jose Herera, Segretarju Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali u l-Kultura sabiex filwaqt li tigi spjegata lilu s-

sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill, tinghata l-ghajnuna mil-aktar fis possibli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **<u>Installazjoni tas-sistema WI-FI f'Misrah ir-Rebha</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja tal-ittra mibghuta mis-Sur Trevor Mizzi, Segretarju tal-Partit Laburista Birgu, fejn ghan-nom tal-kumitat nforma lil Kunsill li t-talba tieghu ntlaqghet sabiex mil-binja ta' dan il-kumitat jinghata d-dawl sabiex tigi nstallata s-sistema WIFI f'Misrah ir-Rebha. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill beda l-preparamenti mal-awtoritajiet u l-entitajiet koncernati sabiex tigi nstallata din is-sistema.

6. **<u>Il-progett ta' Triq San Lawrenz</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsill li waqt laqgha li kellhu mal-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru ghat-Trasport u l-Infrastruttura, gie diskuss l-progett ta' Triq San Lawrenz liema progett ser jinghata priorita mil-Gvern Centrali sabiex jinbeda u jitlesta mil-aktar fis possibli.

7. **<u>Il-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collachio</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku tah rendikont tal-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collachio wara li hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva attendew ghal laqgha mad-Direttur Generali ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet, s-Sur Raymond Farrugia. Is-Sindku qal li l-Perit Hermann Bonnici, l-perit responsabli min dawn ix-xogholijiet, tah spjegazzjoni tax-xogholijiet u tat-toroq li ser isiru taht dan il-progett u nforma lil Kunsill li Triq il-Kardinal u Triq Desain, liema toroq ser isiru bil-*hot asphalt* u l-bankina ssir biz-zonqor. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tax-Xogholijiet u s-Servizzi biex it-tender ta' dan ix-xoghol fit-toroq msemmija jsir separattament mit-tenders l-ohra taz-zona tal-Collachio minhabba l-istat disaztruz li jinsabu fihom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

8. **<u>Taghrif dwar il-progetti tal-Unjoni Ewropea</u>**

Is-Sindku tah rendikont tal-progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea li jinkludi l-progetti COHEIRS u DECIDE li ser jibdew jigu implimentati mix-xahar ta'April 2013, kif ukoll l-kontinwazzjoni tal-progetti ORALITIES u l-progett SeaToLand. Hawnhekk is-Sindku tah rendikont tal-progett taht il-programm Youth in Action li ser issir mal-Belt ta' Belvi, f'Sardegna, liema progett ser jigi implimentat bejn l-4 u l-11 ta' Mejju, 2013 fejn ghalih ser jattendu sitt zghazagh mil-Belt tal-Birgu.

9. **<u>Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-istaff klerikali</u>**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, issugerixxa sabiex, l-Performance Bonus tal-istaff klerikali jigi diskuss fil-laqgha li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10. **<u>Affarijiet Ohra</u>**

10.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10.2 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li rapprezentanti mil-Bank of Valletta gew izuru l-hames siti li hemm applikazjoni ghalihom sabiex fil-Belt tal-Birgu jkun hawn ATM. Is-Sindku zied jghid li dan il-bank qieghed fil-process li jara l-iktar applikazzjoni viabli.

10.3 Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-kuntratt li l-istess Kunsill ghandu mal-Kumitat tal-Banda ta' San Lawrenz ghal kiri tal-garaxx fuq tal-hawli. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob laqgha mal-Kumitat tal-Banda ta' San Lawrenz, sabiex jigi diskuss f'aktar dettal dan il-kuntratt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10.4 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, ser issir laqgha ghal ghaqdiet sportivi tal-Belt tal-Birgu fejn ghal din il-laqgha gew mistiedna li jattendu zewgt ufficjali min kull ghaqda sportiva.

Il-laqgha ntemmet fil-5 ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku